**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 1186/97

George Souness

vs

Kmandant Forzi Armati ta' Malta

Illum 15 ta' Novembru, 2001.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghal habta ta' Jannar 1992 ir-rikorrent sofra ingustizzja f'li ma nghatax il-promozzjoni ta' Lance Bombardier.

Illi l-fatti fil-qosor kienu li r-rikorrent beda jahdem mal-Forzi Armati fid-divizjoni tar-Revenue Security Corps ghal madwar 11 il-sena u ilu fl-istess grad ta' gunner ghal dan iz-zmien kollu. Illi ir-rikorrent dejjem ghamel ix-xoghol rikjest minnu bl-akbar abilita' w'efficjenza kif ukoll hafna drabi ir-rikorrent ghamel xoghol aktar mill-grad tieghu. Illi ir-

rikorrent kemm ilu fl-Armata qatt ma kellu rapporti hziena kontra tieghu. Illi r-rikorrent jippossjedi wkoll it-Third Class Education u t-Trade test imma meta hargu l-promozzjonijiet ghal grad ta' Lance Bombardier f'Jannar 1991 huwa ma nghatax l-promozzjoni. Ir-rikorrent jhoss li mhux iggustifikata li ma nghatax il-grad ta' Lance Bombardier meta huwa kellu l-kwalifiki u l-esperjenza w s-seniority daqs dawk li saru jew aktar minnhom. Illi minkejja li ir-rikorrent kien dejjem jibqa' barra mill-promozzjonijiet kien xorta wahda wiehed mill-ftit maghzulin biex jattendi course fuq is-security training organizzat mill-Armata flimkien ma' l-Armata Amerikana maghrufa ahjar bhala "US Army Mobile Training Team".

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu x-xhieda ndikati f'dan ir-rikors biex jipprova l-kaz tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jinghata l-promozzjoni ta' Lance Bombardier b'lura jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' kif jiddeciedi dan it-Tribunal.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**RISPOSTA:**

Ra r-risposta tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta li eccepixxa:

Illi dwar il-fatti fir-rikors huwa ghandu xi jghid is-segwenti:

Illi jirrizulta li fil-promozzjonijiet tal-1988 u tal-1992, dawk li hadu promozzjoni kellhom kwalifiki aktar jew daqs ir-rikorrent.

Illi r-rikorrent ikkwalifika ghal Army Certificate for Third Class Education u attenda ghall-kors specjalizzat taht it-tmexxija tal-US Army Special Forces Mobile Training Team matul l-1993.

Illi jidher li l-promozzjonijiet saru skond ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta ta' dak iz-zmien u, stante li l-promozzjonijiet fl-Armata ma jinghatawx abbazi ta' anzjanita` u kwalifiki biss, izda primarjament abbazi ta' efficjenza kif ukoll abbazi ta' ghazla biex timtela' vakanza, dejjem skond ir-regolament applikabbli, cioe`, l-avviz legali Nru. 91 tal-1970, u ghaldaqstant dak allegat mir-rikorrent, wahdu, ma jammontax ghal prova li saret xi distinzjoni, preferenza jew eskluzjoni indebita a skapitu tieghu fit-termini ta' l-Att VIII ta' l-1997.

Ghaldaqstant, ghar-raguni fuq premessi, dan it-Tribunal ghandu jichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI**

Ikkunsidra

Illi xehed ir-rikorrent u ikkonferma dak kollu li hemm imsemmi fir-rikors.  Stqarr li t-Third Class Army Certificate of Education hada fl-1993. It-Trade Test B3 Driving hada Frar 1988 u Test Training hada f'Marzu 1993.

Lt. Col. Schembri esebixxi lista ta' promozzjonijiet li hargu fir-Revenue Security Corps b' effett mill-15 ta' Mejju 1988 mir-rank ta' Gunner ghal Lance Bumbardier.  Isem ir-rikorrent huwa muri l-ahhar wiehed  fil-lista.  Dan ma jfissirx li ha promozzjoni dak in-nhar izda biex juru postu fis-seniority. Il-promozzjonijiet kienu waqfu bl-ezatt fuq 152 Gunner Azzoppardi Emanuel u lil Souness fl-1988 ma qabzu hadd.

Ghar-rigward tal-promozzjonijiet b' effett mill-20 ta' Jannar 1992 isem ir-rikorrent jidher it-tieni wiehed fil-lista shaded bil-griz.  Ma jfissirx li ha promozzjoni dak in-nhar pero` biex juru postu fis-seniority kieku hadha.  Jidher li qabzuh hamsa minn nies li kienu junior tieghu.  Ma jidhirx li kellhom kwalifiki ahjar minnu u mir-records sa issa ma irrizultax li kien hemm xi raguni valida ghaliex intaghazlu huma u mhux ir-rikorrent.

Il-Maggur Krispin Camilleri li bejn l-1989 u l-1992 kien l-Ufficjal Kmandant tar-Revenue Security Corp xehed li jaf lir-rikorrent ghax kien jahdem mieghu fl-Armata.  Fil-fatt dak iz-zmien kien second in command u ghalhekk ukoll kien tahtu, pero` mill-1989 kien direttament tahtu.  Sal-

1992 sakemm hu hareg bis-sick leave, ir-rikorrent dejjem il-post ta' Gunner kien jokkupa. Zied li tant kellu fiducja fir-rikorrent li poggih parti mill-iskwadra in charge minn skorta ta' flus u ghalhekk bil-fors li kellu fiducja fih ghax altrimenti ma kienx jaghmel hekk. Fil-fehma tieghu kien onest u qatt ma kellu problemi.

Semma li jaf lil Harkins, Debono, u Calleja u semma li kienu tajbin ukoll. Zied jghid : "Jiena fil-fatt ghal dawn il-promotions kont ghamilt ir-rakkomandazzjonijiet tieghi u fosthom kont irrakkomandajt lir-rikorrent. Lit-tlieta l-ohra li semmejna precedentement kont irrakkomandajthom ukoll. Ir-rakkomandazzjonijiet dak iz-zmien kienu bazati fuq il-lejalta` u l-onesta`….Ir-recommendations dejjem saru bil-miktub u jintbaghatu l-Headquarters tal-AFM… Ir-raguni ghaliex ma hax il-promozzjoni r-rikorrent nghid li mhux minni zgur. Ma naf xejn oggettivament hazin fir-rikorrent li jiggustifika l-fatt li ma hadhiex. Hu ma kellu l-ebda charge."

**KONKLUZZJONIJIET:**

Illi jirrizulta li ghall-promozzjonijiet tal-1988 hadd ma qabez lir-rikorrent. Lanqas ma jidher li hemm xi ragunijiet ghaliex hu kellu jaqbez lil haddiehor. Ghalhekk dwar dawn il-promozzjonijiet it-Tribunal jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat.

Dwar il-promozzjonijiet tal-1992 ir-rikorrent inqabez minn hamsa li ma kellhomx kwalifiki aktar minnu anzi li tlieta minnhom anqas. Ir-rikorrent mhux biss ma kellux charges kontra tieghu izda kien bniedem onest u jispira fiducja. Kien ukoll rakkomandat ghall-promozzjoni.

Fil-kawza Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta deciza fis-27 ta' Ottubru, 1998 it-Tribunal qal:

"Issa fil-fehma ta' dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b'mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f'xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f'dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni)." [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

Ghalhekk ma jidhirx li kien hemm xi raguni valida biex ir-rikorrent jinqabez. Ghalhekk dwar il-promozzjonijiet tal-1992 jichad l-eccezzjoni tal-intimat ghal dawn il-motivi, jilqa' t-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta' Lance Bombardier b'effett mill-20 ta' Jannar, 1992 u jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas d-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez kontra l-intimat.